MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 210/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Carmel Blundell ta' 50 sena, bin William u Theresa nee Vella, imwieled Pieta nhar it-08/07/1961, residenti Sptar Monte Carmeli, Triq l-Imdina, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 440761(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Mejju 2011 ghal habta ta' l-1550hrs gewwa l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' gizirana, liema serq kien kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix €2329.37, ghad-detriment ta' Raymond Grech u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha u ir-resfurtiva giet irkuprata mid-derubat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-hati bil-kondozzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------